MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 157/2009

**A B**
**vs**
**C D u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2010 jizdied il-kliem mizzewgha B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Jannar 1998, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel li twieled fit-2 ta' April 1998; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta' Jannar 1998 huwa null u bla effett fil-ligi peress li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi mismugha ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati.

Il-partijiet izzewgu civilment fit-13 ta' Jannar 1998, meta allura l-attur kellu 18-il sena u l-konvenuta, li kellha hames xhur tqala, kellha 17-il sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sena. Dawn izzewgu peress li riedu li t-tifel jitwieled fiz-zwieg, u wkoll minhabba l-pressjoni da parti tal-genituri. Di fatti ma zzewgux bil-knisja, izda civilment biss. Wara z-zwieg il-partijiet baqghu jghixu fid-dar tal-genituri rispettivi taghhom. Sussegwentement, wara li twieled it-tifel, huma krew post u bdew jghixu flimkien, izda t-tnejn kienu jabbuzaw sew mid-droga bir-rizultat li kienu jiggieldu ta' spiss minhabba n-nuqqas ta' flus. Wara ftit taz-zmien kienu hassru r-relazzjoni ta' bejniethom, izda eventwalment regghu bdew jghixu flimkien. Is-sitwazzjoni aggravat, u wara konvivenza matrimonjali ta' circa tlett snin, il-partijiet isseparaw. Fil-prezent l-attur jghix ma' mara ohra flimkien mat-tarbija li ghandu minnha, u mat-tifel tal-partijiet.

Illi l-attur jghid li meta hu kien jiffrekwenta lill-konvenuta huwa kellu 17-il sena u ma kellux hsieb ta' zwieg, izda meta din qaltlu li kienet harget tqila bit-tarbija tieghu, dana ried li t-tarbija titwieled fiz-zwieg u li tigi registrata fuq ismu u kunjomu. Kellu wkoll pressjoni qawwija da parti tal-genituri tieghu, bir-rizultat li huwa ddecieda li jizzewweg, izda bic-civil biss.

Hu jghid li sa minn qabel iz-zwieg hu kien jabbuza mid-droga, liema vizzju aggrava wara z-zwieg. Minn naha taghha l-konvenuta kienet bdiet tabbuza mid-droga wara z-zwieg. Rizultat ta' dan, il-partijiet kienu jesperjenzaw nuqqas ta' flus, liema fatt minn naha tieghu kien sors ta' inkwiet bejniethom. Eventwalment isseparaw defenittivament, u l-konvenuta qatghet il-kuntatt minn mieghu u mit-tifel taghhom li llum qieghed fil-kura tieghu.

Illi l-konvenuta minn naha taghha tikkonferma li lanqas hi ma riedet li tizzewweg lill-attur ghax ma kienx hemm relazzjoni bejniethom, izda ommha ghamlet hafna pressjoni fuqha biex tizzewweg u hi eventwalment cediet. Tghid: "[Izzewwigt] Ghax riditni l-mummy, bilfors…. ghax kont pregnant. Hrigt tqila, u riditni niehdu habba li ma nwaqqalhiex wiccha l-art man-nies."[1]

Tghid li wara z-zwieg kienet skopriet li l-attur kellu l-vizzju tad-droga, u li dan il-vizzju aggrava fiz-zwieg. Spiccat sabiex anke hi waqghet f' dan il-vizzju, u r-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom spiccat. Eventwalment il-partijiet isseparaw de facto.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali z-zewg partijiet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali. Huma kienu nkapaci, li jassumu l-obbligi essenzjali fiz-zwieg, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku u t-trobbija ta' l-ulied. Il-provi juru, anke minhabba l-vizzju li kellu l-attur, li din l-inkapacita' da parti taghhom kienet ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jibnu bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba.

Ghaldaqstant jikkonfigura, fil-konfront taz-zewg partijiet, il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu fuq citat.

[1] Fol.31

Dan premess u kkonsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tordna li z-zwieg civili kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta' Jannar 1998 huwa null u bla effett fil-ligi.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------